MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 459/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**JONATHAN STEWART**

**Illum 5 ta' Lulju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taqghhom Jonathan Stewart ta' 19-il sena iben Stephen u Josephine mitwielda Galdes, mwieled Pieta fid-9 ta' Marzu 1985 u joqghod 15, Tulip Triq Ghajn Dwieli Rahal Gdid detentur tal-karta ta' l-identita numru 229485(M) gie akkuzat:

Talli fit-16 ta’ Dicembru 2003, minn gewwa l-‘Gallarija Shopping Complex’ tal-Fgura, ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghaxija, ikkommetta serq ta’ bambin li kien jifforma parti minn presepju, liema serq hu aggravat bil-hin.

U aktar talli:  fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fuq dan l-imsemmi presepju ghad-dannu tal-‘Gallarija Shopping Complex’ tal-Fgura, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin izda hija inqas minn hames mitt lira Maltin.

U aktar talli;  fis-16 ta’ Dicembru 2003, fuq dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa u cioe` bambin li kien jifforma parti minn presepju, mehud jew akkwistat b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal jew bieghu jew mexxih ghad-dannu ta’ ‘Gallarija Shopping Complex’.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. YF3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk talbet lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat ammetta l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat irritorna r-refurtiva u li kkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (f), 270, 281 (a) u 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Stweart, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-eta` tenera tal-imputat, il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat irritorna r-refurtiva u li kkopera mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, peress illi din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jonathan Stewart l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------